PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Abbozz ta' Rapport
mill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
dwar id-delegazzjoni li żaret lill-Polonja

RAPPORTEUR: Wolfgang KREISSL-DÖRFLER

Daħla

Delegazzjoni ta' tmien MEPs ivvjaġġat lejn il-Polonja, fejn ingħaqdu magħha żewġ MEPs Pollakki li kienu diġà jinsabu hemmhekk (ara l-lista tal-parteċipanti – l-Anness 1). Il-missjoni kienet ippreseduta mis-Sur Patrick GAUBERT (EPP-ED) u r-Rapporteur kien is-Sur Wolfgang KREISSL-DÖRFLER (PES). Iż-żjara seħħet mill-1 ta' April sat-3 ta' April 2008.

Id-delegazzjoni kienet tinkludi **żewġ partijiet** (ara l-abbozz tal-programm – l-Anness 2):

- l-ewwel parti seħħet b'mod prinċipali fl-1 u fit-2 ta' April u kienet relatata mas-sitwazzjoni li tirrigwarda l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil u ta' l-immigranti fil-Polonja
- it-tieni parti seħħet fit-3 ta' April u kienet tinkludi żjara lil Frontex.

Is-suġġett ta' dan l-abbozz ta' rapport huwa l-ewwel parti tad-delegazzjoni, dedikata għas-sitwazzjoni li tirrigwarda l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil u ta' l-immigranti fil-Polonja.

L-**għan** ta' din il-parti tad-delegazzjoni kien li taċċerta ruħha b'mod dirett mis-sitwazzjoni li tirrigwarda l-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil u ta' l-immigranti fil-Polonja u li tifhem il-mod li bih qegħdin jiġu implimentati xi Direttivi u Regolamenti Ewropej speċifiċi:

- Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE tas-27 ta' Jannar 2003 li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil[1] (Id-Direttiva dwar l-Akkoljenza),
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat[2] (Id-Direttiva dwar il-Proċeduri)
- Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex

[1] *Il-Ġurnal Uffiċjali L 031 , 06/02/2003 P. 0018 – 0025*
[2] *Il-Ġurnal Uffiċjali L 326 , 13/12/2005 P. 0013 – 0034*

jeżamina applikazzjoni għall-ażil iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz[1] (Ir-Regolament Dublin II).

Kuntest

Iż-żjara kienet waħda minn sensiela sħiħa ta' żjajjar minn membri tal-Kumitat LIBE biex jaraw b'għajnejhom stess il-kondizzjonijiet li fihom jinżammu l-immigranti u dawk li jfittxu ażil fi Stati Membri varji ta' l-UE. Din iż-żjara fil-Polonja ssegwi delegazzjonijiet simili fl-Italja (Lampedusa), fi Spanja (Ceuta u Melilla, il-Gżejjer Kanarji), fi Franza (Pariġi), f'Malta, fil-Greċja (Samos u Ateni), fil-Belġju, fir-Renju Unit u fl-Olanda.

Il-programm tad-delegazzjoni:

Minħabba restrizzjonijiet relatati mal-ħin, iż-żjara ffukat fuq **żewġ ċentri**: **iċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin f'Lesznowola** u **ċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin fi Biała Podlaska**. Madankollu, id-delegati ddeċidew li xi **ċentri ta' akkoljenza** se ssirilhom żjara mis-Sinjura Urszula GACEK u mis-Sinjura Genowefa GRABOWSKA f'isem id-delegazzjoni LIBE u li l-osservazzjonijiet tagħhom se jiżdiedu mar-rapport finali LIBE dwar id-delegazzjoni.

L-aġenda tad-delegazzjoni kienet tinkludi, f'ordni kronoloġiku:

- laqgħa ma' organizzazzjonijiet u NGOs li huma attivi fil-qasam ta' l-immigrazzjoni u ta' l-ażil fil-Polonja (It-Tlieta, l-1 ta' April 2008)
- laqgħa preliminari, bil-għan li tippreżenta l-linji ewlenin tal-politika Pollakka dwar l-ażil, bil-parteċipazzjoni tal-Kap ta' l-Uffiċċju għall-Barranin, tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Politika dwar l-Emigrazzjoni fil-Ministeru ta' l-Intern u ta' l-Amministrazzjoni, tad-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Koperazzjoni Internazzjonali fl-Uffiċċju għall-Barranin u tar-rappreżentanti ta' l-Għassiesa tal-Fruntieri (It-Tlieta, l-1 ta' April 2008)
- laqgħa mas-Sur Piotr STACHAŃCZYK, Viċi-Segretarju ta' l-Istat fil-Ministeru ta' l-Intern u ta' l-Amministrazzjoni (L-Erbgħa, it-2 ta' April 2008).

Qabel ma vvjaġġat lejn il-Polonja, id-delegazzjoni rċeviet informazzjoni sostanzjali mill-gvern Pollakk u wkoll mill-Uffiċċju tal-Kummissarju Għoli tan-NU għar-Rifuġjati (UNHCR) u mill-uffiċċji ta' l-UE ta' l-ECRE, l-IOM, il-Kummissjoni tal-Knejjes għall-Emigranti fl-Ewropa (CCME), *Amnesty International*, l-Osservatorju tad-Drittijiet tal-Bniedem, l-Assoċjazzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-FIDH.

Il-membri kienu wkoll provduti kemm b'kopji ta' dokumenti mill-UNHCR u mill-NGOs kif ukoll b'dokumenti mill-Gvern Pollakk li jikkonċernaw il-modalitajiet ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni fil-Polonja.

Id-delegazzjoni kienet akkumpanjata mis-Servizz Awdjoviżiv tal-Parlament Ewropew li jaħdem flimkien mal-kru tat-TV lokali u minn fotografu. L-idea kienet li tkun ippreżentata dik l-attività Ewropea permezz ta' *Europe by Satellite* (EbS). Iż-żjara rċeviet kopertura tajba mill-istampa. Il-ġurnalisti, il-fotografu u l-kru tat-TV tħallew jidħlu fiċ-ċentri. L-MEPs taw konferenza stampa fl-aħħar jum, fit-3 ta' April 2008.

[1] *Il-Ġurnal Uffiċjali L 050 , 25/02/2003 P. 0001 - 0010*

Sfond

Qafas leġiżlattiv

Il-qafas legali nazzjonali li jikkonċerna ċ-ċittadini barranin u l-ażil huwa primarjament magħmul
- mil-Liġi tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar il-barranin (l-Att dwar il-Barranin, li kien modifikat fl-2005 u fl-2007)
- mil-Liġi tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar l-għoti ta' protezzjoni lill-barranin fi ħdan it-territorju tar-Repubblika tal-Polonja. Xi wħud mill-miżuri li jinsabu f'dawn il-liġijiet kienu modifikati bil-liġi ta' l-14 ta' Lulju 2006 li tikkonċerna l-kondizzjonijiet għad-dħul u r-residenza fil-pajjiż tal-Polonja.

Kemm il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Barranin kif ukoll dik li qabel kienet il-Liġi ta' l-1997 dwar il-Barranin jinkludu dispożizzjonijiet relatati ma' proċeduri u prattiki għall-għoti ta' stejtus ta' rifuġjat, konċetti ta' pajjiż terz u pajjiż ta' l-oriġini sikuri, każijiet li jidhru biċ-ċar li huma infondati, dispożizzjonijiet għal għamla komplementari ta' protezzjoni, protezzjoni temporanja u ażil. Jiddeskrivu wkoll is-sitwazzjoni legali ta' tfal mhux akkumpanjati li jfittxu ażil, u jipprovdu mekkaniżmi addizzjonali ta' protezzjoni li jirrigwardaw persuni bi bżonnijiet speċjali (vittmi ta' vjolenza).

L-awtoritajiet responsabbli mill-politika dwar l-emigrazzjoni u l-ażil

Il-"Ministerstwo Spraw Wewnetrznych i Administracji" (*Ministeru ta' l-Intern u ta' l-Amministrazzjoni*) huwa responsabbli, b'mod ġenerali, mill-politiki dwar l-emigrazzjoni u minn kwistjonijiet relatati mar-rifuġjati u ma' l-immigranti legali u illegali.

Taħt l-awtorità ta' dan il-Ministeru jaqa' l-"Urzed do Spraw Repatriacji i Cudzoziemcow" (*l-Uffiċċju Pollakk għall-Barranin*, li qabel kien *l-Uffiċċju Pollakk għar-Ripatrijazzjoni u l-Barranin*), li huwa responsabbli mill-BOO, amministrazzjoni li torganizza u timmaniġġja ċentri miftuħin ta' akkoljenza.

Il-Ministeru jikkontrolla wkoll il-"Komenda Glowna Policji" (*Pulizija*) u l-"Komenda Glowna Strazy Granicznej" (*Għassiesa tal-fruntieri*), it-tnejn li huma responsabbli miċ-ċentri magħluqin ta' detenzjoni.

Min huma l-immigranti u dawk li jfittxu ażil?

Mid-dħul tagħhom fl-Unjoni Ewropea f'Mejju 2004, iż-żewġ sorsi ewlenin ta' emigrazzjoni fil-Polonja kienu:

- L-immigrazzjoni legali u illegali ta' ċittadini minn dawk li qabel kienu Stati ta' l-Unjoni Sovjetika (l-iktar l-Ukraina u l-Belarus) li jfittxu xogħol skond l-istaġun.
- L-influss kbir, l-iktar mill-2002, ta' ċittadini miċ-Chechnya li jfittxu ażil (90% minn dawk li jfittxu ażil).

Il-proċedura ta' l-ażil

Fil-preżent, teżisti proċedura waħda ta' l-ażil iżda hemm żewġ stejtusis differenti li jistgħu jingħataw lill-barranin: stejtus ta' rifuġjat u permess għal żjara tollerata.

L-istejtus ta' rifuġjat jingħata jekk il-barrani jissodisfa l-kondizzjonijiet tal-konvenzjoni ta' Ġinevra, li l-Polonja hija firmatarja tagħha mill-1991.

Il-permess għal żjara tollerata ġie introdott fl-2003 u minn dakinhar 'il quddiem kien hemm tendenza b'saħħitha sabiex l-istejtus ta' rifuġjat jinbidel ma' dan it-tip ta' protezzjoni. Il-benefiċjarji taż-żjara tollerata jgawdu mill-biċċa l-kbira tad-drittijiet offruti lir-rifuġjati, madankollu jeżistu xi differenzi.

Il-proċedura ta' l-ażil tibda b'applikazzjoni sottomessa b'mod personali mill-barrani lill-President ta' l-Uffiċċju għar-Ripatrijazzjoni u l-Barranin.

Il-barrani jissottometti l-applikazzjoni għall-għoti ta' l-istejtus ta' rifuġjat permezz ta' l-uffiċjal kmandant tad-diviżjoni ta' l-Għassiesa tal-Fruntieri. Barrani li ma jkunx awtorizzat jidħol fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja jista' jissottometti l-applikazzjoni matul il-kontroll tal-fruntiera hekk kif jidħol fir-Repubblika tal-Polonja, fil-post ta' kontroll.

L-uffiċjali ta' l-Għassiesa tal-Fruntieri jinformaw lill-persuna b'lingwa li tinftiehem minnha kemm dwar il-proċeduri u l-prinċipji tal-proċeduri għall-għoti ta' l-istejtus ta' rifuġjat kif ukoll dwar id-drittijiet mogħtija lilha u l-obbligi tagħha.

L-uffiċjali ta' l-Għassiesa tal-Fruntieri jiġbru informazzjoni mingħand il-persuna (l-identità, il-pajjiż ta' l-oriġini, ir-ritratti u l-marki tas-swaba', il-viżi jew il-permessi ta' residenza, ir-rotta ta' l-ivvjaġġar) u jibagħtu l-applikazzjoni lill-President ta' l-Uffiċċju, fi żmien 48 siegħa.

Id-deċiżjoni dwar l-għoti jew ir-rifjut ta' l-għoti ta' l-istejtus ta' rifuġjat għandha tingħata fi żmien 6 xhur mid-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni. Id-deċiżjoni dwar ir-rifjut ta' l-għoti ta' l-istejtus ta' rifuġjat fuq bażi ta' applikazzjoni li tidher biċ-ċar li hija infondata għandha tingħata fi żmien 30 jum mid-data tas-sottomissjoni ta' l-applikazzjoni.

Id-deċiżjonijiet tal-President ta' l-Uffiċċju dwar l-għoti u l-irtirar ta' l-istejtus ta' rifuġjat jistgħu jiġu appellati quddiem il-Bord tar-Rifuġjati. Id-deċiżjoni tal-Bord tar-Rifuġjati għandha tinħareġ fi żmien xahar mill-appell tal-barrani.

Il-barranin li japplikaw għall-istejtus ta' rifuġjat jistgħu liberament jikkuntattjaw kemm rappreżentant tal-Kummissarju Għoli tal-Nazzjonijiet Uniti għar-Rifuġjati kif ukoll kwalunkwe organizzazzjoni li tieħu ħsieb b'mod statutarju kwistjonijiet relatati mar-rifuġjati.

Ċentri ta' detenzjoni – ċentri ta' akkoljenza

Fil-Polonja, jeżistu ċentri ta' akkoljenza (miftuħin) u ċentri ta' detenzjoni (magħluqin). Il-biċċa l-kbira ta' dawk li jfittxu ażil fil-Polonja jinsabu f'ċentri ta' akkoljenza.

Meta persuna tissottometti applikazzjoni għall-ażil matul kontroll tal-fruntiera, u ma jkollhiex id-dritt li tidħol fil-Polonja jew meta persuna tkun tinsab fil-Polonja b'mod illegali, hija tista' tiġi detenuta f'ċentru.

Jekk il-persuna tidħol b'mod legali fil-Polonja u titlob għall-ażil, hija titħalla tistenna bil-libertà kollha għad-deċiżjoni dwar it-talba għall-ażil.

A. Ċentri ta' detenzjoni

Jeżistu żewġ tipi ta' ċentri ta' detenzjoni, taħt l-awtorità tal-pulizija jew ta' l-għassiesa tal-fruntieri, fejn jiġu detenuti ċittadini barranin illegali:

- 5 Ċentri mgħassa għal ċittadini barranin. Iċ-ċentru ta' detenzjoni f'Lesznowola b'kapaċità ta' akkoljenza ta' 132 post huwa mmexxi mill-pulizija u huwa ċentru ta' detenzjoni fejn jistgħu jiġu detenuti l-familji. L-awtoritajiet dan l-aħħar bnew u fetħu erba' ċentri mgħassa ġodda f'Bialystok, f'Ketrzyn, f'Biala Podlaska u fi Przemysl. Ix-xogħol ta' kostruzzjoni kien iffinanzjat b'mod parzjali mill-Fond Ewropew għal Dawk li Jfittxu Ażil.

  Il-lista kompleta hija kif ġej:

  Iċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin f'Lesznowola (Pulizija)
  131 post
  Iċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin fi Przemyśl (Għassiesa tal-Fruntieri)
  138 post
  Iċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin f'Kętrzyn (Għassiesa tal-Fruntieri)
  150 post
  Iċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin f'Biała Podlaska (Għassiesa tal-Fruntieri)
  152 post
  Iċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin f'Białystok (Għassiesa tal-Fruntieri)
  142 post

- 14-il ċentru għal arresti ta' tkeċċija: sabiex ċittadin barrani jinżamm f'ċentru ta' deportazzjoni, irid ikun hemm suspett li mhux se jirrispetta r-regoli fis-seħħ fiċ-ċentru mgħasses.

  Arresti ta' Tkeċċija mmaniġġjati mill-Pulizija

f'Wrocław	(rinnovament)	28 post
fi Włocławek		32 post
f'Katowice	(rinnovament)	30 post
f'Konin		30 post

  Arresti ta' Tkeċċija mmaniġġjati mill-Għassiesa tal-Fruntieri

It-Taqsima Reġjonali ta' Nadwiślański fil-Varsavja	49 post
It-Taqsima Reġjonali ta' Łużycki f'Lubań	9 postijiet
It-Taqsima Reġjonali ta' Pomorski fi Szczecin	33 post
It-Taqsima Reġjonali ta' Lubuski f'Odrzańskie	56 post
It-Taqsima Reġjonali ta' Sudecki fi Kłodzko	3 postijiet
It-Taqsima Reġjonali ta' Karpacki f'Nowy Sącz	6 postijiet
It-Taqsima Reġjonali ta' Bieszczadzki fi Przemyśl	38 post
It-Taqsima Reġjonali ta' Warmińsko-Mazurski f'Kętrzyn	30 post
It-Taqsima Reġjonali ta' Nadbużański f'Biała Podlaska	24 post
It-Taqsima Reġjonali ta' Podlaski f'Białystok	15-il post

Ir-raġunijiet legali għall-ħruġ ta' ordni ta' detenzjoni
Il-barranin jistgħu jiġu detenuti mill-Għassiesa tal-Fruntieri jew mill-Pulizija għal mhux iktar minn 48 siegħa. Wara dak il-perjodu ta' żmien, trid tinħareġ l-ordni ta' detenzjoni mill-Qorti.

Dritt għal appell kontra l-ordni ta' detenzjoni
Il-persuna detenuta għandha d-dritt li tappella fi żmien sebat ijiem mill-jum tal-wasla tad-deċiżjoni tal-Qorti. Il-Qorti għandha tieħu ħsieb l-appell minnufih.

It-tul tad-detenzjoni
Id-detenzjoni ma tistax tkun itwal minn 90 jum; madankollu, tista' tittawwal għal perjodu ta' żmien speċifikat jekk tali estensjoni tkun neċessarja għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni dwar tkeċċija, li ma tkunx ġiet esegwita ħtija tal-barrani. Il-perjodu ta' detenzjoni fiċ-ċentru mgħasses jew f'faċilità għal nies arrestati għall-finijiet ta' tkeċċija ma jistax jaqbeż is-sena.

Kuntatt ma' l-NGOs
Skond l-Att tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar il-barranin, barrani li jiġi detenut fiċ-ċentru mgħasses jew f'faċilità għal nies arrestati għall-finijiet ta' tkeċċija għandu d-dritt li jikkuntattja lil dawn li ġejjin: l-awtoritajiet Pollakki, ir-rappreżentanti diplomatiċi, u l-NGOs. Huwa jista' jiltaqa' wiċċ imb'wiċċ ma' persuni qrib tiegħu fi kmamar riservati apposta għal dan il-għan.
Il-persuna tiġi infurmata b'lingwa li tifhem dwar l-organizzazzjonijiet li jieħdu ħsieb b'mod statutarju kwistjonijiet relatati mar-rifuġjati. Hija titħalla tikkorrispondi jew tagħmel kuntatt bit-telefown ma' dawn l-organizzazzjonijiet.

Il-kondizzjonijiet fiċ-ċentri
Malli jiġi akkomodat fiċ-ċentru ta' detenzjoni jew fiċ-ċentru mgħasses tal-barranin, il-barrani minnufih isirlu eżami mediku u, jekk ikun neċessarju, jingħata kura sanitarja.

In-nisa u l-irġiel jiġu separati. Il-barranin li jkunu akkumpanjati mill-minuri jiġu akkomodati flimkien. Barra minn hekk, jekk minuri mhux akkumpanjat ikun akkomodat f'ċentru mgħasses ta' detenzjoni, għandu jitqiegħed f'parti separata taċ-ċentru sabiex ikun evitat kuntatt ma' l-adulti.

Nisa sa 7 xhur tqala jistgħu jkunu akkomodati f'ċentru ta' detenzjoni għall-finijiet ta' tkeċċija. Wara dak iż-żmien, nisa tqal jiġu trasferiti f'ċentru mgħasses ta' detenzjoni b'sistema aħjar.

Il-barranin li l-istat psikofiżiku tagħhom jippermetti li ssir is-suppożizzjoni li dawn kienu vittmi ta' vjolenza jew barranin b'diżabiltajiet ma jitqiegħdux f'ċentri mgħassa jew f'ċentri għall-finijiet ta' tkeċċija.

B. Ċentri miftuħin ta' akkoljenza

Il-persuni li jkunu ressqu applikazzjoni ta'ażil għandhom id-dritt li jirċievu assistenza għall-perjodu tal-proċeduri u għall-perjodu ta' 14-il jum mill-għoti tad-deċiżjoni finali.

L-assistenza tista' tieħu l-għamla ta' akkomodazzjoni f'ċentru ta' akkoljenza jew għajnuna finanzjarja sabiex dak li jkun joqgħod xi mkien ieħor fit-territorju tal-pajjiż. Barra minn hekk, tingħata kura medika lil kulħadd. L-assistenza tista' tinkludi wkoll l-għoti ta' assistenza għar-ripatrijazzjoni volontarja mit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.

Minuri mhux akkumpanjati jiġu akkomodati f'ċentri speċjali u f'orfanatrofji b'dipartimenti speċjali għal ċittadini barranin mhux akkumpanjati.

Iċ-ċentri ta' akkoljenza huma mmaniġġjati mill-BOO (*Bureau* għall-Organizzazzjoni ta' Ċentri għal Ċittadini Barranin), taħt l-awtorità tal-Ministeru ta' l-Intern.
Il-BOO għandu kemm iċ-ċentri tiegħu stess kif ukoll ċentri mikrija minn kumpaniji privati. Fl-2007, il-BOO immaniġġja 20 ċentru.

Iċ-Ċentri ta' Akkoljenza fil-Polonja[1] fil-21 ta' Frar 2008:

[1] Dejta provduta mill-Gvern Pollakk fid-dawl tad-delegazzjoni

Nru.	Iċ-Ċentru	In-Numru ta' Postijiet	In-Numru ta' barranin li bħalissa jinsabu residenti fiċ-ċentru
1	Dębak	250	335
2	Łuków	261	286
3	Łomża	240	257
4	Białystok B	210	246
5	Białystok I	295	451
6	Kolonia Horbów	150	51
7	Bezwola	250	386
8	Kołbiel	190	210
9	Lublin	175	247
10	Czerwony Bór	242	290
11	Wołomin	212	209
12	Warszawa-Wola	180	247
13	Moszna	200	241
14	Radom	241	285
15	Linin	330	415
16	Warszawa-Siekierki	200	194
17	Warszawa – Bielany	300	461
18	Leonów	242	245
19	Smoszewo	200	209
20	Puste Łąki	180	215
	Servizzi barra miċ-ċentru		966
	Total		6447

L-assistenza soċjali għal dawk li jfittxuażil tikkonsisti minn:

- akkomodazzjoni fiċ-ċentri
- ikel – kollu mill-kantin
- biljetti għat-trasport pubbliku
- assistenza finanzjarja fix-xahar għax-xiri ta' prodotti għall-iġjene personali u "ammont żgħir ta' flus"
- ħwejjeġ u żraben
- lezzjonijiet għat-tagħlim tal-lingwa Pollakka – Fiċ-ċentri kollha, it-tfal u l-adulti għandhom l-opportunità li jattendu korsijiet għat-tagħlim tal-lingwa Pollakka. Tfal li jkunu ġew klassifikati mill-għalliem jistgħu jattendu skejjel primarji jew sekondarji. Barra minn hekk, f'xi ċentri hemm kindergardins immaniġġjati minn dawk li jfittxuażil.
- kemm aċċess għal skejjel pubbliċi, għal materjal u kotba ta' l-iskola kif ukoll kopertura ta' l-ispejjeż li jitnisslu minn ħlasijiet għall-ksib ta' l-edukazzjoni fl-iskejjel
- kura medika fiċ-ċentri jew kura medika barra miċ-ċentri
- benefiċċju finanzjarju sabiex ikunu koperti l-ispejjeż ta' residenza fit-territorju tal-Polonja minn dak li jfittexażil stess li ma jkunx rakkomandat li jgħix fiċ-ċentru minħabba l-istat ta' saħħa jew is-sigurtà personali tiegħu.

Ħidma oħra tal-BOO hija li jżomm taħt il-kustodja tiegħu barranin minuri mhux akkumpanjati: impjegat tal-BOO li jinħatar bħala kustodju ta' minuri jissorvelja l-provvista ta' kondizzjonijiet xierqa relatati mas-sistemazzjoni f'dar lil tali minuri, l-aċċess għall-edukazzjoni u għall-kura medika, jieħu sehem fl-arranġament tal-ħin liberu tiegħu inklużi

attivitajiet kulturali, ta' divertiment u sportivi, jikkuntattja lil organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, li l-għan statutarju tagħhom huwa li jaġixxu għall-benesseri tal-minuri jew tar-rifuġjati, sabiex jinstabu l-membri familjari tal-minuri.

Laqgħa ma' organizzazzjonijiet u NGOs, it-Tlieta, l-1 ta' April 2008

Fl-ewwel jum, id-delegati kellhom ikla ta' xogħol ma' l-organizzazzjonijiet li ġejjin li jżuru ċ-ċentri ta' detenzjoni b'mod regolari, jew inkella huma attivi fl-oqsma ta' l-ażil u ta' l-immigrazzjoni (ara l-Anness 3):

- il-UNHCR,
- *Amnesty International* – it-taqsima Pollakka,
- L-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Emigrazzjoni (IOM) – it-taqsima Pollakka,
- Il-Fondazzjoni ta' Ħelsinki għad-Drittijiet tal-Bniedem fil-Polonja,
- Il-*Caritas* tal-Polonja,
- Iċ-Ċentru Halina Niec għall-Għajnuna Legali,
- L-Organizzazzjoni Umanitarja Pollakka,
- Stowarzyszenie Interwencji Prawnej (L-Assoċjazzjoni għal Intervent Legali),
- Klinika Legali fl-Università tal-Varsavja,
- Il-Fondazzjoni ta' l-Istat tad-Dritt,
- Iċ-Ċentru għal Riċerka dwar l-Emigrazzjoni (CMR),
- L-Iskola tal-Varsavja tal-Psikoloġija Soċjali.

Il-UNHCR u l-NGOs bdew billi ppreżentaw l-attività tagħhom. Minħabba li l-għadd ta' rifuġjati qiegħed jikber, semmew li m'għandhomx staff biżżejjed sabiex ikomplu bl-istess livell ta' attivitajiet bħal qabel.

L-organizzazzjonijiet taw **preżentazzjoni tas-sistema** fil-qosor.

L-NGOs ikkonfermaw li fil-Polonja l-biċċa l-kbira ta' dawk li jfittxuażil jiġu akkomodati fiċ-ċentri ta' akkoljenza. Sa tmiem l-2007, kien hemm 21 ċentru b'6281 persuna akkomodata. Minn 600 sa 700 ruħ biss kienu jinsabu f'ċentri ta' detenzjoni.

Fl-2007, l-influss ta' dawk ġodda li jfittxu ażil, l-applikazzjonijiet imtennija u r-ritorn ta' dawk li jfittxu ażil ibbażat fuq ir-Regolament Dublin II (571 persuna) wasslu għal sitwazzjoni ta' ffullar iżżejjed tal-faċilitajiet eżistenti ta' akkoljenza fil-pajjiż. Għaldaqstant, l-awtoritajiet kienu kostretti jżidu l-għadd ta' tali faċilitajiet.

L-NGOs fakkru li jeżistu żewġ tipi ta' ċentri ta' detenzjoni. Iċ-ċentri għal arresti ta' tkeċċija għandhom kondizzjonijiet iktar stretti għall-persuni detenuti – mhux kulħadd jista' jintbagħat hemmhekk iżda f'każ ta' żieda fl-influss ta' immigranti u dawk li jfittxu ażil, iktar nies jistgħu jispiċċaw f'dawk it-tipi ta' ċentri.

L-NGOs fissru d-**differenza bejn stejtus ta' rifuġjat skond il-Konvenzjoni ta' Ġinevra u permess għal żjara tollerata**.

L-NGOs huma mħassbin dwar il-mod li bih l-awtoritajiet Pollakki jinterpretaw il-Konvenzjoni ta' Ġinevra: Il-Polonja jeħtieġ li turi biża' *individwalizzat* ta' persekuzzjoni sabiex tibbenefika mill-istejtus ta' rifuġjat skond il-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Barra minn hekk, f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-opinjoni politika, l-awtoritajiet Pollakki jinterpretaw il-Konvenzjoni b'mod kemxejn strett.

Il-permess għal żjara tollerata huwa waħda mill-għamliet ta' protezzjoni mogħtija lill-barranin. Barrani jista' jirċievi dan il-permess jekk:
a) ir-ritorn tiegħu jkun possibbli biss f'pajjiż fejn ħajtu u s-sigurtà tiegħu jkunu mhedda, fejn il-barrani jista' jiġi torturat, sottomess għal trattamenti degradanti u mhux umani, għal xogħol furzat, fejn jista' jiġi mċaħħad minn proċess ġust, jew ikkundannat mingħajr ebda bażi ġuridika

b) ir-ritorn tiegħu ma jkunx possibbli għal raġunijiet li huma indipendenti mill-entità responsabbli mill-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni.

Barrani jista' jirċievi l-permess għal żjara tollerata jekk it-trasferiment tiegħu lejn pajjiż ieħor ma jkunx awtorizzat wara li tittieħed deċiżjoni mill-ġustizzja Pollakka jew mill-Ministeru tal-Ġustizzja.

Ir-rifuġjati u l-persuni li jingħataw permess għal żjara tollerata jkollhom l-istess drittijiet soċjali bħaċ-ċittadini Pollakki. Huma intitolati għal *allowances* soċjali fuq il-bażi tal-Liġi dwar l-Assistenza Soċjali tat-12 ta' Marzu 2004. Madankollu, f'xi aspetti, l-istejtus ta' żjara tollerata huwa inqas vantaġġuż mill-istejtus ta' rifuġjat: ngħidu aħna, il-programm individwali ta' integrazzjoni (assistenza finanzjarja u korsijiet fil-lingwi) huwa provdut biss lil rifuġjati rikonoxxuti u mhux lid-detenturi ta' permessi għal żjara tollerata.

Għajnuna legali
Ma teżisti ebda sistema pubblika ta' għajnuna legali fis-seħħ, barra l-proċedura quddiem il-Qorti. L-għajnuna legali titnissel mill-NGOs. Skond il-UNHCR, il-gvern qiegħed jipprova jqiegħed fis-seħħ sistema pubblika ta' għajnuna legali; il-proposta leġiżlattiva għandha tiġi eżaminata mill-Parlament matul it-tieni nofs ta' l-2008.

It-tfal
Ċittadini minuri barranin mhux akkumpanjati ta' età inqas minn 17-il sena ma jistgħux jiġu detenuti. Dawn jitqiegħdu f'ċentri għat-tfal, fejn hemmhekk ikollhom kondizzjonijiet tajbin ta' għajxien u aċċess għall-edukazzjoni.

Tfal li jkunu flimkien mal-familja tagħhom jistgħu jitqiegħdu f'ċentri ta' detenzjoni, flimkien mal-familja tagħhom; ma jeżisti ebda aċċess xieraq għall-edukazzjoni f'dawk iċ-ċentri.

Kummenti dwar ċentri ta' detenzjoni

It-tul tad-detenzjoni: Skond l-NGOs, in-nies jistgħu jinżammu f'detenzjoni sa 12-il xahar.

Appell kontra d-detenzjoni
Skond l-NGOs, il-perjodu ta' sebat ijiem sabiex isir appell m'huwiex biżżejjed għall-persuni detenuti sabiex jikkuntattjaw professjonisti u jiksbu parir mingħandhom. F'ħafna każijiet jikkuntattjaw lill-Assoċjazzjoni Halina Nieć u lill-Fondazzjoni ta' Ħelsinki, waħda bbażata fi Cracow u l-oħra fil-Varsavja, iżda ta' sikwit ma jkunx hemm biżżejjed żmien għall-proċedura u għall-ġbir ta' informazzjoni.

Il-kondizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni
Skond l-NGOs, il-kondizzjonijiet huma severi: l-għeluq tal-persuni detenuti fiċ-ċelel tagħhom għal wisq ħin, l-impożizzjoni ta' limiti fuq l-eżerċizzju barra miċ-ċentri, in-nuqqas ta' attivitajiet soċjali u ta' divertiment, id-diffikultà li tinsab fil-komunikazzjoni mal-personal

(ostakli lingwistiċi). Skond l-NGOs, l-istaff għandu jiġi mħarreġ aħjar, b'mod notevoli fil-lingwi barranin u għandu jkun hemm iktar operaturi soċjali.

Kull meta jkun possibbli, il-persuni detenuti jiġu akkomodati skond gruppi lingwistiċi u kulturali. L-irġiel u n-nisa jiġu akkomodati b'mod separat. Il-familji u l-minuri ma jistgħux jiġu detenuti għall-finijiet ta' tkeċċija. Jintbagħtu fiċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin f'Lesznowola.

Skond l-NGOs, il-faċilitajiet sanitarji ma jikkonformawx man-normi ta' l-iġjene. Dawn il-faċilitajiet m'humiex biżżejjed għall-għadd ta' persuni detenuti u kollha jeħtieġ li jsirilhom rinnovament.

L-aċċess għall-kura medika: l-NGOs ifakkru li skond il-liġi Pollakka, l-assistenza medika, inkluża s-saħħa mentali, għandha tiġi provduta għall-barranin bħalma tiġi provduta għaċ-ċittadini Pollakki, fuq l-istess bażi u bl-istess vastità. Madankollu, fil-prattika l-barranin rarament jittieħdu għand speċjalisti – imma dan, milli jidher, huwa kkawżat ukoll minħabba n-nuqqas ġenerali ta' speċjalisti. Barra minn hekk, jidher li m'hemm ebda tabib preżenti fiċ-ċentri fi kwalunkwe ħin u li dan jissejjaħ f'każ li jkun hemm bżonn.

Il-kuntatt mad-dinja ta' barra – Skond l-NGOs, il-kuntatt iseħħ mingħajr problemi ta' xejn. Dan huwa fattur pożittiv: il-persuni detenuti jistgħu jikkuntattjaw NGOs, avukati, rappreżentanti diplomatiċi, membri tal-familja, ħbieb u qassesin permezz tat-telefown, tal-faks, wiċċ imb'wiċċ, jew bil-miktub kemm-il darba jkunu jixtiequ, iżda m'għandhomx aċċess għall-imejl jew għall-Internet. Madankollu, l-NGOs jesprimu t-tħassib tagħhom dwar il-fatt li l-erba' ċentri l-ġodda mibnijin fil-Polonja huma iżolati ħafna, u dan irendi l-kuntatt mad-dinja ta' barra diffiċli ħafna fil-prattika.

L-informazzjoni għall-persuni detenuti – L-informazzjoni dwar l-istejtus tal-barranin u d-drittijiet tagħhom tingħata lill-persuna malli din tiġi detenuta. Hija tiġi infurmata dwar id-drittijiet tagħha bħala persuna barranija b'lingwa li tinftiehem minnha. L-informazzjoni dwar ir-raġunijiet għad-detenzjoni u t-tkeċċija tinftiehem mill-persuni detenuti. Madankollu, skond l-NGOs, fil-verità dawn ma jifhmux il-proċedura ta' l-ażil u l-possibiltajiet legali sabiex tiġi appellata ordni ta' detenzjoni. L-informazzjoni dwar il-possibiltà li jiġu kkuntattjati l-UNHCR u l-NGOs hija disponibbli għalkollox.

L-aċċess għall-avukati f'faċilitajiet ta' detenzjoni huwa wieħed minimu, minħabba li ma teżisti ebda sistema ta' assistenza legali ta' l-Istat. L-uniċi avukati aċċessibbli huma l-avukati ta' l-NGOs. Hemm inqas minn għaxar avukati li jipprovdu għajnuna legali f'zoni ta' detenzjoni. L-HNLAC jipprovdi konsultazzjonijiet regolari f'Lesznowola iżda ma jistax jissodisfa l-ħtiġijiet kollha f'dan il-qasam. Bini ieħor ta' detenzjoni jitħalla mingħajr assistenza.

Kummenti dwar ċentri ta' akkoljenza

Skond l-NGOs, jeżistu kemm kmamar soċjali/għat-talb f'kull faċilità, kif ukoll kmamar għat-tfal għal-logħob u t-tagħlim. L-istandard tat-tagħmir ta' dawk il-kmamar ivarja. Bil-finanzjament ta' l-UE, l-Uffiċċju għall-Barranin tejjeb il-provvista ta' tagħmir, ġabriet ta' letteratura b'lingwa barranija u għodod ta' tagħlim fil-faċilitajiet ta' akkoljenza. F'bosta ċentri nħolqu kmamar bil-kompjuters. F'xi ċentri ta' akkoljenza huma disponibbli l-kindergardins.

L-assistenza soċjali li bħalissa hija disponibbli għall-persuni f'ċentri ta' akkoljiment m'hijiex

biżżejjed, u l-awtoritajiet għandhom ikunu inkoraġġiti jżidu l-għadd ta' operaturi soċjali.

L-assistenza legali – L-assistenza legali hija provduta mill-NGOs kemm fil-bidċa l-kbira taċ-ċentri ta' akkoljenza kif ukoll fl-uffiċċji tagħhom. Madankollu, l-NGOs konċernati jinsabu 'l bogħod minn xi ċentri ta' akkoljenza u dan irendi l-aċċess għal tali assistenza limitat kemm għal ċerti zoni ta' residenza kif ukoll għal dawk b'diżabiltajiet. Ir-restrizzjonijiet finanzjarji ta' l-aġenziji llimitaw ukoll iż-żjajjar tagħhom.

L-Edukazzjoni
Skond il-UNHCR, it-tfal kollha li jfittxuażil u dawk rifuġjati għandhom aċċess għall-edukazzjoni nazzjonali primarja u sekondarja mingħajr ħlas. Ir-rata ta' attendenza kienet ta' 97 % (836 tifel u tifla) f'Settembru 2007. Iktar minn 70 skola qegħdin jirċievu tfal rifuġjati u li jfittxuażil.

Madankollu, jeżistu bosta ostakli għall-edukazzjoni: m'hemm ebda mekkaniżmu stabbilit sabiex tkun faċilitata l-integrazzjoni ta' tfal barranin fis-sistema edukattiva Pollakka, flimkien ma' l-ostakli lingwistiċi inizjali.

Koperazzjoni ma' l-awtoritajiet Pollakki
Il-UNHCR qasam mad-delegazzjoni l-esperjenza tiegħu ta' koperazzjoni ma' l-awtoritajiet Pollakki: ir-rappreżentant tal-UNHCR ingħata aċċess liberu għaċ-ċentri kollha (miftuħin u magħluqin); xi kultant l-awtoritajiet jistiednu lill-NGOs sabiex jgħinu lir-rifuġjati. L-awtoritajiet jikkonsultaw lill-UNHCR u lill-NGOs meta tkun qiegħda titħejja xi leġiżlazzjoni.

Il-Finanzjament ta' l-NGOs
Kwistjoni oħra li ġiet diskussa kienet il-finanzjament ta' l-NGOs. L-organizzazzjonijiet qalu li huma jiġu ffinanzjati minn fondi mill-Fond Ewropew għar-Rifuġjati; madankollu, għandhom diffikultajiet kbar relatati mal-ko-finanzjament ta' proġetti (fil-preżent, għadu meħtieġ ko-finanzjament ta' 25 %). Il-UNHCR għarraf li fl-2008, il-livell ta' ko-finanzjament se jkun ta' 15 %.

Laqgħa ma' l-awtoritajiet responsabbli mill-immigrazzjoni u mill-ażil, it-Tlieta, l-1 ta' April 2008

Laqgħa preliminari, bil-għan li tippreżenta l-linji ewlenin tal-politika Pollakka dwar l-ażil, saret fl-ewwel jum bil-parteċipazzjoni tal-Kap ta' l-Uffiċċju għall-Barranin, tad-Direttur tad-Dipartiment tal-Politika dwar l-Emigrazzjoni fil-Ministeru ta' l-Intern u ta' l-Amministrazzjoni, tad-Direttur ta' l-Uffiċċju għall-Koperazzjoni Internazzjonali fl-Uffiċċju għall-Barranin u tar-rappreżentanti ta' l-Għassiesa tal-Fruntieri.

L-awtoritajiet fissru lid-delegazzjoni s-sitwazzjoni u l-protezzjoni tal-barranin fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.

Huma ppreżentaw l-atti legali Pollakki bażiċi dwar l-emigrazzjoni, l-entitajiet amministrattivi governattivi ewlenin attivi fil-qasam ta' l-emigrazzjoni, ix-xogħlijiet ta' l-Uffiċċju għall-Barranin, l-istituzzjonijiet u l-korpi mhux governattivi ewlenin attivi fil-qasam ta' l-emigrazzjoni.

Taw ukoll deskrizzjoni ġenerika ta' l-emigrazzjoni fil-Polonja għas-snin 2004-2007, deskrizzjoni ġenerika ta' l-emigrazzjoni fil-Polonja (in-nazzjonalitajiet ewlenin – Ukraini, Belarussi, Russi, Armeni, Vjetnamiżi u oħrajn).

Barra minn hekk, fissru t-tipi ta' protezzjoni provduti għall-barranin fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja. It-tipi ta' protezzjoni li ġejjin huma disponibbli għall-barranin fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja:

- l-istejtus ta' rifuġjat skond il-Konvenzjoni ta' Ġinevra ta' l-1951 u l-Protokoll ta' New York ta' l-1967,
- l-ażil,
- l-awtorizzazzjoni għal żjara tollerata,
- il-protezzjoni temporanja.

Il-kelliema ppreżentaw ukoll is-sistema għall-ipproċessar ta' l-applikazzjonijiet għall-istejtus ta' rifuġjat:

Il-proċeduri għall-istejtus ta' rifuġjat

Il-Fażi 1
L-applikazzjoni għall-għoti ta' l-istejtus ta' rifuġjat tiġi sottomessa lill-Kap ta' l-Uffiċċju għall-Barranin, permezz:

- tal-kap tat-taqsima ta' l-Għassiesa tal-Fruntieri responsabbli mill-belt tal-Varsavja (f'każ ta' barranin li jgħixu fil-Polonja)
- tal-kapijiet tat-taqsimiet ta' l-Għassiesa tal-Fruntieri (meta dak li jkun jidħol fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja)

Il-Fażi 2
L-applikazzjoni titressaq lill-Kap ta' l-Uffiċċju għall-Barranin

Il-possibiltajiet:
1. Il-Proċess ta' Dublin
2. Proċeduri għall-istejtus ta' rifuġjat
3. Proċeduri mgħaġġla għall-istejtus ta' rifuġjat (meta jkun jidher biċ-ċar li l-applikazzjoni m'hijiex ġustifikata)

Il-Fażi 3
L-entità ta' l-Ewwel Istanza – Il-Kap ta' l-Uffiċċju għall-Barranin
Il-possibiltajiet:
1. Jingħata l-istejtus ta' rifuġjat skond il-Konvenzjoni ta' Ġinevra (1951)
2. Jinħareġ id-dokument ta' l-ivvjaġġar ta' Ġinevra
3. Jiġi rifjutat l-istejtus ta' rifuġjat u tiġi awtorizzata żjara tollerata
4. Jiġi rifjutat l-istejtus ta' rifuġjat u tinħareġ ordni biex dak li jkun jitlaq mit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja

Il-Fażi 4
L-entità tat-Tieni Istanza – Il-Kunsill tar-Rifuġjati
Il-possibiltajiet:
1. L-għoti ta' l-istejtus ta' rifuġjat
2. Twettiq tad-deċiżjoni mill-entità ta' l-Ewwel Istanza – Il-*Voivodship*/il-Qorti Amministrattiva Ewlenija
3. Twettiq tad-deċiżjoni mill-entità ta' l-Ewwel Istanza u ħruġ ta' l-awtorizzazzjoni għal żjara tollerata – Il-*Voivodship*/il-Qorti Amministrattiva Ewlenija
4. L-applikazzjoni tintbagħat sabiex tiġi analizzata mill-ġdid

Matul il-proċedura:

Il-Każ 1: Barrani mhux fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ta' dħul jew sabiex jibqa' fil-pajjiż
Il-possibiltajiet:

1. *Il-barrani jiġi akkomodat barra minn ċentru*
2. *Il-barrani jiġi akkomodat f'ċentru (fuq talba tal-barrani)*
3. *Il-barrani jiġi akkomodat f'ċentru sikur jew tiġi implimentata ordni ta' arrest qabel id-deportazzjoni (skond deċiżjoni tal-Qorti għal perjodu ta' 30 jum, li jista' jiġi estiż l-iktar għal sena) – Din ma tiġix applikata lil: minuri mhux akkumpanjati u barranin li l-istat fiżiku u mentali tagħhom jindika li huma diżabbli jew vittmi ta' vjolenza*

Il-Każ 2: Barrani fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ta' dħul jew sabiex jibqa' fil-pajjiż
Il-possibiltajiet:

4. *Il-barrani jiġi akkomodat barra minn ċentru*
5. *Il-barrani jiġi akkomodat f'ċentru (fuq talba tal-barrani)*

Huma ppreżentaw l-Applikazzjonijiet għall-istejtus ta' rifuġjat u r-riżultat tagħhom fis-snin 2001-2007.

Ir-rati ta' rikonoxximent fl-2006 u fl-2007:
Fl-2006, 7,092 persuna applikaw għall-ażil fil-Polonja. 423 persuna ngħataw l-istejtus ta' rifuġjat u 2,048 persuna ngħataw permess għal żjara tollerata.

Fl-2007, 10,048 persuna applikaw għall-ażil. 116-il persuna ngħataw l-istejtus ta' rifuġjat u 2,866 persuna ngħataw permess għal żjara tollerata fl-ewwel istanza.

Minn dawn l-10,048 persuna li applikaw għall-ażil, 8,415-il persuna kienu ċittadini etniċi taċ-Chechnya li tinsab fil-Federazzjoni Russa.

L-awtoritajiet fissru wkoll il-konċett ta' Żjara tollerata
Id-deċiżjoni ta' rifjut ta' l-istejtus ta' rifuġjat għall-barranin tista' tinkludi awtorizzazzjoni għal żjara tollerata, jekk il-barrani jkun jista' jiġi deportat biss lejn pajjiż fejn:

- id-dritt tiegħu ta' għajxien, libertà u sigurtà personali jkun mhedded,

- huwa jista' jisfa' vittma ta' tortura, trattament mhux uman u degradanti jew kastig jew

- huwa jista' jkun meħtieġ li jagħmel xogħol furzat,

- huwa jista' jiġi mċaħad mid-dritt għal proċess ġust, jew

- jista' jiġi impost kastig fuqu mingħajr ebda bażi ġuridika

kif definit fil-Konvenzjoni tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fundamentali (1950).

L-awtoritajiet fissru wkoll il-Proċess ta' Dublin (Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003)

L-ikbar grupp ta' barranin kopert mill-Proċess ta' Dublin fis-snin 2004-2007 kien ta' ċittadini etniċi taċ-Chechnya li tinsab fil-Federazzjoni Russa.
Il-pajjiżi prinċipali li minnhom/lejhom seħħew it-trasferimenti kienu:
l-Awstrija, il-Belġju, Franza, in-Norveġja u l-Ġermanja.

Assistenza għall-barranin li jfittxu jiksbu l-istejtus ta' rifuġjat
Barrani li huwa s-suġġett ta' applikazzjoni għall-istejtus ta' rifuġjat jista' jitlob l-għoti ta' assistenza għall-perjodu tal-proċess u għal perjodu ta' 14-il jum mid-data meta tittieħed id-deċiżjoni finali dwar il-każ (dan il-perjodu jista' jiġi estiż sa 3 xhur)
Xi barranin jiġu akkomodati f'ċentru, oħrajn jingħataw benefiċċju fi flus sabiex ikopru l-ispejjeż personali li jagħmlu matul iż-żjara tagħhom fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.
Kollha kemm huma jiġu provduti b'kura medika.

L-awtoritajiet ippreżentaw l-Emenda għal-liġi tat-13 ta' Ġunju 2003 dwar l-għoti ta' protezzjoni lill-barranin fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja.

Fit-18 ta' Marzu 2008, il-Parlament tar-Repubblika tal-Polonja adotta att li jemenda l-liġi dwar l-għoti ta' protezzjoni lill-barranin fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja. Qiegħed jiġi antiċipat li d-dispożizzjonijiet il-ġodda se jidħlu fis-seħħ f'nofs Mejju 2008.

L-għan huwa wkoll l-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali mal-leġiżlazzjoni attwali ta' l-UE permezz tat-traspożizzjoni tad-dispożizzjonijiet li ġejjin:

- Id-Direttiva tal-Kunsill 2004/83/KE tad-29 ta' April 2004 dwar livelli stabbiliti minimi għall-kwalifika u l-istat ta' ċittadini nazzjonali ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr stat bħala refuġjati jew bħala persuni li nkella jeħtieġu protezzjoni internazzjonali u l-kontenut tal-protezzjoni mogħtija.
- Id-Direttiva tal-Kunsill 2005/85/KE ta' l-1 ta' Diċembru 2005 dwar standards minimi għal proċeduri fl-Istati Membri għall-għoti u l-irtirar ta' l-istatus ta' rifuġjat.

Laqgħa mas-Sur Piotr STACHAŃCZYK, Viċi-Segretarju ta' l-Istat fil-Ministeru ta' l-Intern u ta' l-Amministrazzjoni, l-Erbgħa, it-2 ta' April 2008

Il-Viċi-Segretarju ta' l-Istat, is-Sur Piotr Stachańczyk, fost affarijiet oħrajn, huwa responsabbli mid-Dipartiment għaċ-Ċittadinanza u r-Ripatrijazzjoni, mid-Dipartiment tal-Politika dwar l-Emigrazzjoni, mid-Dipartiment Legali u mill-Programmi Ewropej (Awtorità Implimentattiva).

Il-laqgħa saret nhar il-Erbgħa, it-2 ta' April 2008. Kienet opportunità tajba biex jingħataw iktar spjegazzjonijiet dwar is-sistema ta' l-ażil fil-Polonja u l-iffunzjonar taċ-ċentri miftuħin u magħluqin għall-immigranti u dawk li jfittxuażil.

Id-diskussjoni bdiet bid-differenzi bejn *l-akkoljenza* ta' applikanti għall-ażil – li huwa l-każ tal-biċċa l-kbira sew tagħhom, u *d-detenzjoni* ta' applikanti għall-ażil. Il-Ministru kkonferma li jeżistu rimedji legali ta' appell kontra d-detenzjoni u li persuni żgħażagħ mhux akkumpanjati, persuni vulnerabbli u persuni b'diżabiltà ma jiġux detenuti.

Id-diskussjoni kompliet bis-suġġetti tal-proċedura ta' Dublin, il-konċett ta' proċedura li biċ-ċar ma tkunx ġustifikata u l-proċedura standard tar-rifuġjati.

Il-Ministru kien mistoqsi dwar l-għadd ta' barranin li jiġu trasferiti fi ħdan il-qafas ta' implimentazzjoni tal-Proċess ta' Dublin.

In-naħa Pollakka kienet meħtieġa li tassumi responsabiltà mill-eżami ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin għall-istejtus ta' rifuġjat:

- 2004 (l-1 ta' Mejju-il-31 ta' Diċembru) – 356 barrani,
- 2005 – 1197 barrani,
- 2006 – 1418-il barrani,
- 2007 – 1237 barrani.

In-naħa Pollakka trasferiet lil Stati Membri oħrajn ta' l-Unjoni Ewropea:

- 2004 (l-1 ta' Mejju-il-31 ta' Diċembru) – 11-il barrani,
- 2005 – 134 barrani,
- 2006 – 174 barrani,
- 2007 – 68 barrani.

Kwistjoni oħra li ġiet diskussa kienet iż-żjara tollerata. Il-Ministru qal li madwar 7000 permess bħal dawn inħarġu mill-2003. Skond hu, l-elementi li huma neqsin meta jsir tqabbil ma' l-istejtus ta' rifuġjat huma l-komponent ta' integrazzjoni u d-dokumenti ta' l-ivvjaġġar ta' Ġinevra. Il-Ministru kkonferma d-drittijiet varji tal-benefiċjarji tal-permess għal żjara tollerata, fosthom id-dritt għall-ivvjaġġar fiz-zona Schengen.

Fir-rigward ta' l-edukazzjoni tal-minuri li huma applikanti għall-ażil, il-Ministru kkonferma li 97 % minnhom għandhom aċċess għal edukazzjoni normali, fi skejjel Pollakki, flimkien ma' tfal Pollakki. Madankollu, l-edukazzjoni m'hijiex provduta bħala proċess kontinwu fiċ-ċentri ta' detenzjoni. L-intenzjoni tal-gvern hija li jinstab rimedju għal dan: għalissa, postijiet ta' impjieg fil-qasam ta' l-edukazzjoni huma miftuħin għall-edukaturi, għall-għalliema u għall-assistenti soċjali.

Kwistjoni oħra kienet tikkonċerna analiżi tan-nazzjonalità ta' l-applikanti għall-ażil. Il-Ministru fisser li 90 % minnhom ġejjin mill-Federazzjoni Russa. L-oħrajn ġejjin mill-Belarus, mill-Ukraina, mill-Pakistan u mis-Sri Lanka.

Il-Polonja hija Stat ta' passaġġ għal xi whud mill-immigranti, iżda mhux għan-nies li ġejjin mill-Armenja u mill-Vjetnam, li għalihom il-Polonja hija pajjiż ta' destinazzjoni finali.

Saret mistoqsija sabiex jinkiseb għarfien dwar jekk l-għadd ta' immigranti illegali qiegħedx jiżdied minħabba ż-żieda fil-prezzijiet tal-viżi. Il-Ministru qal li dan ma kienx il-każ.

Żjajjar fiċ-ċentri

1. IĊ-ĊENTRU MGĦASSES GĦALL-BARRANIN F'LESZNOWOLA

Nhar it-Tlieta, l-1 ta' April 2008, id-delegati żaru ċ-Ċentru mgħasses għall-barranin f'Lesznowola.

Rappreżentanti ta' l-Uffiċċju għall-Barranin u tal-Ministeru ta' l-Intern u ta' l-Amministrazzjoni akkumpanjaw lid-delegazzjoni tal-PE u taw spjegazzjonijiet dwar iċ-ċentru lid-delegati.

Iċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin f'Lesznowola jinsab xi 10 km 'il bogħod minn Grójec u xi 45 km 'il bogħod mill-Varsavja. Iċ-ċentru huwa ċentru qadim sorveljat mill-pulizija. Il-bini nbena fl-1996 u ġie rinnovat fl-2006. Ir-rinnovament iseħħ kull sentejn. L-ogħla kapaċità ta' dan il-bini hija ta' 131 persuna f'żewġ blokok. Il-blokk ta' l-irġiel jista' jakkomoda 100 persuna u l-blokk tan-nisa u tal-familji jista' jakkomoda sa 31 persuna. Id-daqs taz-zona huwa ta' 2 ettari inkluż madwar ettaru ta' art miksija bil-ħaxix. Fil-ġejjieni, iċ-ċentru se jkun immaniġġjat mill-Għassiesa tal-Fruntieri.

Huwa bini amministrattiv ta' detenzjoni li huwa disinjat kemm għal dawk li jfittxuażil kif ukoll għal ċittadini minn pajjiżi terzi li joqogħdu b'mod illegali fil-pajjiż. Dan iċ-ċentru jirċievi wkoll familji u tfal, ommijiet waħidhom, persuni morda li ma jistgħux jiġu akkomodati f'faċilitajiet għal dawk arrestati għall-finijiet ta' tkeċċija.

Il-kamp jinkludi żewġ binjiet – waħda għan-nisa u l-familji u l-oħra għall-irġiel. Id-delegazzjoni ltaqgħet ma' persuni detenuti minn pajjiżi varji: il-Vjetnam, iċ-Chechnya, il-Pakistan, l-Armenja u l-Belarus.

Il-persuni detenuti jiġu akkomodati skond gruppi lingwistiċi u kulturali.

Xi wħud mill-kmamar kienu nodfa u mżejna b'mod sabiħ filwaqt li oħrajn ma kenux hekk, jiddependi mill-persuni li kienu qegħdin jokkupaw il-kmamar u mill-isforzi li saru mill-okkupanti.

Il-kondizzjonijiet huma ħżiena. Teżisti kamra ta' l-ikel imma ċ-ċentru nieqes minn faċilitajiet għat-tfal bħal kamra tal-logħob jew plejgrawnd u agħar minn hekk, m'huwa disponibbli ebda materjal edukattiv. Tfal ta' età ta' l-iskola ma jistgħux imorru l-iskola.

Il-faċilitajiet sanitarji m'humiex biżżejjed għall-għadd ta' persuni detenuti. Huma maħmuġin, l-iktar fil-blokk ta' l-irġiel u jidher biċ-ċar li jeħtieġu rinnovament.

Teżisti librerija kemm b'xi kotba b'lingwi varji (bir-Russu, bl-Ingliż u bil-Pollakk) kif ukoll b'xi gazzetti b'lingwi barranin.

Il-persuni detenuti jistgħu jgawdu l-arja ta' barra minn bitħa spazjuża bil-ħaxix u bis-siġar imdawra minn ħajt tal-brikks mgħammra b'faċilitajiet ta' sigurtà. Madankollu, l-aċċess għall-arja ta' barra huwa limitat għal ftit sigħat biss kuljum, anke għat-tfal.

Il-kuntatt mad-dinja ta' barra huwa illimitat iżda huwa diffiċli fil-prattika minħabba l-lok imbiegħed taċ-ċentru. Il-persuni detenuti m'għandhomx aċċess għall-imejl jew għall-Internet.

2. IĊ-ĊENTRU MGĦASSES GĦALL-BARRANIN F'BIAŁA PODLASKA (ĊENTRU SIKUR U ĊENTRU TA' DETENZJONI GĦAL QABEL ID-DEPORTAZZJONI F'BIAŁA PODLASKA)

It-tieni ċentru li saritlu żjara, nhar il-Erbgħa, it-2 ta' April 2008, kien iċ-Ċentru Mgħasses għall-Barranin f'Biała Podlaska.

Dan iċ-ċentru huwa wieħed mill-erba' ċentri li nbnew dan l-aħħar fil-Polonja. Beda jirċievi l-barranin fi tmiem Jannar 2008.

Iċ-ċentru huwa mmaniġġjat mill-Għassiesa tal-Fruntieri. Rappreżentant ta' l-Għassiesa tal-Fruntieri u tal-Ministeru ta' l-Intern u ta' l-Amministrazzjoni akkumpanja lid-delegazzjoni tal-PE u pprovda lill-membri bi preżentazzjoni ġenerali ta' l-attività ta' l-Għassiesa tal-Fruntieri f'dan ir-rigward.

Iċ-ċentru huwa mgħammar b'tagħmir u b'faċilitajiet moderni u għandu bitħa kbira. Jidher adegwat sabiex jirċievi n-nies, għalkemm il-wajers niggieża jagħtu impressjoni ta' "ħabs".

Qabel iż-żjara, l-awtoritajiet taċ-ċentri taw preżentazzjoni lid-delegazzjoni.
Huma ppreżentaw id-dispożizzjonijiet relatati mat-tħaddim ta' ċentri sikuri u ta' ċentri ta' detenzjoni għal qabel id-deportazzjoni.

Huma fissru li barrani jitqiegħed f'ċentru sikur jekk:

- dan ikun essenzjali sabiex isiru kif suppost il-proċeduri li jikkonċernaw id-deportazzjoni jew l-irtirar tal-permess ta' residenza fil-pajjiż jew tal-permess ta' resident ta' l-UE għall-futur imbiegħed
- ikun hemm raġuni tajba sabiex wieħed jemmen li l-barrani se jaħrab mill-implimentazzjoni ta' l-ordni ta' deportazzjoni jew mid-deċiżjoni ta' l-irtirar tal-permess ta' residenza jew tal-permess ta' resident ta' l-UE għall-futur imbiegħed
- il-barrani jaqsam jew jipprova jaqsam il-fruntiera b'mod illegali jekk ma jitteħidx direttament fil-fruntiera

Barrani jitqiegħed f'ċentru sikur jew ta' detenzjoni għal qabel id-deportazzjoni f'konformità ma' deċiżjoni tal-Qorti.

L-awtoritajiet taċ-ċentru pprovdew lid-delegazzjoni b'dejta statistika dwar dawn ir-residenti barranin.

Il-barranin li jitqiegħdu fiċ-Ċentru Sikur u fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni għal qabel id-Deportazzjoni f'Biała Podlaska. (mill-31 ta' Jannar 2008 sa l-1 ta' April 2008)

In-nazzjonalità	L-għadd ta' persuni fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni għal qabel id-Deportazzjoni	L-għadd ta' persuni fiċ-Ċentru Sikur
Armeni	**1**	**3**
Ċiniżi	**4**	
Russi	**2**	**27**
Tuniżini	**1**	
Ukraini	**1**	
Vjetnamiżi	**11**	
	Total 20	Total 30

Disgħa mill-persuni msemmija hawnfuq iddikjaraw l-intenzjoni tagħhom li japplikaw għall-istejtus ta' rifuġjat.

Waqt iż-żjara, il-persuni li ġejjin tqiegħdu fiċ-ċentru:

In-nazzjonalità	L-għadd ta' persuni	L-għadd ta' persuni fiċ-

	fiċ-Ċentru ta' Detenzjoni għal qabel id-Deportazzjoni	Ċentru Sikur
Ċiniżi	**4**	
Russi	**0**	**16**
Ukraini	**1**	
Vjetnamiżi	**4**	
	Total 9	Total 16

Iċ-ċentru għandu bosta taqsimiet:

- It-taqsima tan-nisa, 50 post
- It-taqsima ta' l-irġiel, 70 post
- It-taqsima għall-familji u l-minuri, 32 post
- Ċelel residenzjali fiċ-ċentru ta' detenzjoni, 24 post
- Faċilitajiet għall-kura tas-saħħa

Teżisti Taqsima Edukattiva li hija responsabbli mill-:

- organizzazzjoni u t-tmexxija ta' attivitajiet ta' divertiment u dawk sportivi għar-residenti,
- attivitajiet għat-tħaffif ta' l-iżvilupp ta' minuri li jitqiegħdu fiċ-ċentru sikur,
- kura ta' minuri mhux akkumpanjati li jitqiegħdu fiċ-ċentru sikur,
- immaniġġjar tal-librerija u l-identifikazzjoni tal-ħtieġa għal stokk addizzjonali sabiex tiżdied il-proprjetà tal-librerija bil-lingwi tar-residenti barranin attwali taċ-ċentru u wkoll għal materjal addizzjonali li jinkludi informazzjoni dwar id-drittijiet ta' barranin fit-territorju tar-Repubblika tal-Polonja u fi Stati Membri oħrajn ta' l-UE,
- intervistar tar-residenti sabiex ikunu identifikati l-vittmi tat-'traffikar ta' bnedmin'.

- Jeżisti wkoll Grupp ta' Skorta li huwa responsabbli mit-traspurtar tal-barranin, mit-traspurtar tar-residenti f'ċentri għall-kura tas-saħħa, mill-immonitorjar tal-persuni li jirċievu kura fi sptar (inkluż immonitorjar ta' 24 siegħa) u mit-Taqsima għaż-Żamma ta' Reġistru li hija responsabbli mill-aċċettazzjoni u l-ipproċessar tar-reġistrazzjoni ta' barranin, mill-ħelsien ta' barranin, mill-ftuħ u l-aġġornament ta' fajls personali, eċċ.

Kien hemm ftit nies preżenti fiċ-ċentru waqt iż-żjara iżda bosta familji bi tfal żgħar qalu li daqt kienu se jerħulha lejn ċentru miftuħ.

Waqt iż-żjara ma kien hemm ebda tabib jew operatur soċjali fiċ-ċentru.

3. IĊ-ĊENTRU TA' AKKOLJENZA F'LININ

Iż-żjara f'dan iċ-ċentru saret mis-Sinjura Urszula GACEK fit-18 ta' April 2008.

Il-kapaċità operattiva taċ-ċentru hija ta' 330 ruħ. Bħalissa hemm 433 resident, li xi 50 minnhom suppost li kellhom jitilqu miċ-ċentru, iżda baqgħu hemm fuq talba tagħhom stess, b'mod ġenerali minħabba l-fatt li qegħdin ifittxu akkomodazzjoni alternattiva.

M'hemm ebda minuri mhux akkumpanjat fiċ-ċentru. Il-biċċa l-kbira huma familji bi tfal. Hemm grupp żgħir ta' rġiel weħidhom.

Faċilitajiet edukattivi huma provduti għat-tfal. Tfal ta' età ta' qabel l-iskola għandhom kindergardin disponibbli għalihom. Tfal ikbar li jkunu għadhom kif waslu fil-Polonja jingħataw lezzjonijiet fiċ-ċentru sa ma jkunu jistgħu jmorru fi skejjel lokali ta' integrazzjoni (jiġifieri jiksbu xi ħiliet bażiċi fil-lingwa Pollakka). Malajr jibdew jattendu 5 skejjel lokali. Klabb ta' wara l-iskola jopera sabiex jgħin lill-istudenti fix-xogħol skolastiku tad-dar u jipprovdi lezzjonijiet fil-lingwa Pollakka.

M'hemm ebda interpretu fiċ-ċentru. Kważi r-residenti kollha ġejjin miċ-Chechnya. Jitkellmu bir-Russu. L-istaff fiċ-ċentru jitkellem bir-Russu. Il-preżentazzjonijiet u l-introduzzjonijiet isiru bir-Russu.

Rappreżentanza legali tiġi provduta mill-NGOs. NGOs varji pprovdew ukoll kamp għas-sajf għat-tfal u taħriġ vokazzjonali. Milli jidher, l-eqreb koperazzjoni hi l-PAH (Polska Akcja Humanitarna).

L-iktar resident li dam fiċ-ċentru ilu hemmhekk 4 snin.

Iċ-ċentru m'għandu ebda uffiċjal ta' kustodja. Huwa faċilità miftuħa. Ir-residenti jistgħu jitilqu u jerġgħu jiġu lura meta jogħġobhom.

Psikologu jżur iċ-ċentru fuq bażi regolari. Jeżisti ċentru mediku fuq is-sit fejn ikunu disponibbli tabib u ners matul il-ħinijiet normali tax-xogħol. F'każ ta' emerġenzi wara l-ħinijiet tax-xogħol, ir-residenti jingħataw kura f'ċentri tas-saħħa u fi sptarijiet lokali. Jistgħu jagħżlu li jingħataw kura barra miċ-ċentru. Servizzi dentali u minn speċjalisti jiġu provduti barra miċ-ċentru. Ir-residenti la jħallsu għall-kura, lanqas ma jħallsu għall-farmaċewtiċi.

Attivitajiet jiġu offruti matul il-jum. Dawn jinkludu lezzjonijiet tal-ħjata u lezzjonijiet fil-lingwa Pollakka. Fl-imgħoddi, kienu jsiru kemm korsijiet għall-arranġament tax-xagħar u għall-irqim tad-difrejn kif ukoll taħriġ vokazzjonali iktar adattat għar-residenti rġiel (bini, lezzjonijiet tas- sewqan għal vetturi li jifilħu tagħbijiet tqal). Madankollu, ir-residenti, l-iktar dawk irġiel, ma kenux jattendu ħafna minn dawn l-attivitajiet.

Teżisti moskea fiċ-ċentru ta' detenzjoni.

Ir-residenti m'għandhomx id-dritt li jaħdmu ħlief jekk l-applikazzjonijiet tagħhom jieħdu iktar minn sena sabiex jiġu pproċessati. Tassew, skond id-Direttiva dwar il-kondizzjonijiet ta' akkoljenza, dawk li jfittxuażil m'għandhomx aċċess għas-suq tax-xogħol għal sena.

Kull resident jirċievi *allowance* fix-xahar ta' PLN 70. Barra minn hekk, kull tifel u tifla ta' età ta' qabel l-iskola u ta' l-iskola jirċievu *allowance* għall-ikel ta' kuljum ta' PLN 9. Il-ġenituri huma mistennija li jħejju l-ikliet tat-tfal huma stess mill-provvisti li jixtru fil-ħwienet lokali. L-adulti huma eliġibbli għal tliet ikliet kuljum fil-kantin. Ta' sikwit l-*allowance* għall-ikel tat-tfal iservi bħala l-"paga" de facto tal-familja. L-ispejjeż ta' l-ivvjaġġar għal appuntamenti mediċi u vjaġġi neċessarji oħrajn jiġu rimborżati. It-tfal għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom xarabanks b'xejn għall-iskola. Il-kotba ta' l-iskola u l-uniformijiet ta' l-iskola jiġu provduti mingħajr ħlas.

L-akkomodazzjoni hija bażika, iżda m'hijiex iffullata żżejjed. Il-familji jitpoġġew fi kmamar ta' 4, 6 jew 8 persuni. Il-familji qatt ma jkollhom magħhom membri mhux tal-familja. Bħalissa, xi familji qegħdin jgħixu f'dormitorju adattat, imma l-privatezza u l-intimità huma żgurati għal kull familja. Faċilitajiet komuni ta' kċejjen u kmamar tal-banju huma

disponibbli bl-abbundanza. Dawn ġew rinnovati dan l-aħħar (2005) u jinsabu f'kondizzjoni tajba. L-indafa f'zoni komunali hija tassew kwistjoni ta' rieda tar-residenti sabiex inaddfu warajhom stess. Blokk residenzjali wieħed kellu zoni komunali nodfa ħafna. L-ieħor kien ħafna inqas nadif.

L-ikliet provduti fil-kantin huma bilanċjati b'mod sustanzjuż. Iqisu l-ħtiġijiet reliġjużi ta' dieta tar-residenti Musulmani ewlenin u wkoll jipprovdu għal dawk li huma veġetarjani.

It-tfal jingħataw lezzjonijiet wara l-iskola, u wkoll għandhom disponibbli għalihom plejgrawnd mgħammar u kamp għas-sajf organizzat mill-voluntiera ta' l-NGOs.

Il-biċċa l-kbira tar-residenti għandhom telefown ċellulari (it-telefown pubbliku fuq is-sit ma tantx jintuża). M'hemm ebda aċċess għall-internet fiċ-ċentru minħabba raġunijiet tekniċi (lok kemxejn imbiegħed).

Osservazzjonijiet ġenerali tar-Rapporteur

Filwaqt li qieset li l-Polonja għelbet sfidi kbar bħala Stat Membru ġdid u b'rabta mal-pressjoni li kulma jmur qiegħda tiżdied ikkawżata mid-dispożizzjoni tar-Regolament Dublin II, id-delegazzjoni tagħna ssorprendiet ruħha b'mod pożittiv: Il-kondizzjonijiet fiċ-ċentri kienu tajbin b'mod ġenerali, u konna impressjonati wkoll mill-atmosfera tajba matul iż-żjara kollha tagħna. Bħala aspett pożittiv ħafna, stajna nosservaw li ma kien hemm ebda persuna detenuta li qiegħda tfittexażil u ebda minuri ma kien iżolat fiċ-ċentri magħluqin. Għaldaqstant, ninkoraġġixxu lill-gvern biex ikompli għaddej b'din il-prattika.

Rakkomandazzjonijiet

Għalkemm iċ-ċentri kienu jinsabu b'mod ġenerali f'kondizzjoni tajba, xorta waħda hemm lok għal titjibiet. Għaldaqstant, aħna nirrakkomandaw ħafna:

1. Ir-rinnovament ta' l-għamara u ta' l-istandards sanitarji

- Iċ-ċentri l-qodma li diġà ma jissodisfawx għalkollox il-ħtiġijiet ta' l-għamara neċessarja u l-istandards sanitarji għandhom jiġu rinnovati mill-iktar fis possibbli. L-awtoritajiet għandhom isibu soluzzjoni għal akkomodazzjoni oħra għall-futur qarib matul ir-rinnovament għan-nies detenuti f'Lezsnowola.

2. Id-detenzjoni għandha tkun l-aħħar għażla possibbli

- Id-detenzjoni ta' tfal, anke meta jkunu akkumpanjati, għandha tiġi evitata. Fil-każijiet kollha, meta t-tfal ikollhom jitħallew mal-ġenituri tagħhom, il-ġenituri għandhom jiġu trattati b'mod differenti. Il-benesseri u l-edukazzjoni tat-tfal huma ta' l-ogħla importanza.
- Minflok jiġu detenuti familji, għandhom jitqiesu soluzzjonijiet alternattivi.
- Id-detenzjoni ta' nisa tqal għandha tiġi projbita!
- Fir-rigward ta' l-għadd għoli ta' ċelel iżolati – l-iżolazzjoni tista' tiġi aċċettata biss bħala miżura eċċezzjonali meta n-nies isiru vjolenti. L-użu ta' l-iżolazzjoni jrid ikun l-aħħar għażla possibbli!

3. L-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-persuni vulnerabbli u servizz mediku regolari għall-persuni detenuti

- Ikun żgurat li d-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw lill-persuni vulnerabbli jiġu applikati fil-prattika.

- Tkun żgurata kura medika, psikoloġika u psikjatrika regolari jew permanenti għall-persuni detenuti!

4. Aċċess għal għajnuna ġudizzjarja b'xejn

- Għandu jkun faċilitat l-aċċess għal avukati u għal għajnuna ġudizzjarja b'xejn. Aħna ninkoraġġixxu lill-gvern biex jadotta liġi li tikkonċedi rappreżentazzjoni ġudizzjarja.

Fl-aħħar nett, nistiednu lill-Polonja biex tqiegħed fis-seħħ mill-iktar fis possibbli l-istejtus ta' "protezzjoni sussidjarja" f'konformità mad-Direttiva 2005/85/KE sabiex ittemm il-vojt legali ta' l-istejtus taż-"żjara tollerata".

ANNEX 1

ЕВРОПЕЙСКИ ПАРЛАМЕНТ PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAIMINT NA hEORPA PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS
EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT
PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU PARLAMENTUL EUROPEAN
EURÓPSKY PARLAMENT EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

European Parliament
Committee on civil liberties, justice and home affairs
Delegation to Poland
1-3 April 2008

LIST OF PARTICIPANTS 11

Version 31.03.2008

MEMBERS OF THE EUROPEAN PARLIAMENT

Patrick GAUBERT (Head of delegation)
Wolfgang KREISSL-DÖRFLER (Rapporteur)

Martine ROURE
Bill NEWTON DUNN
Simon BUSUTTIL
Agustín DÍAZ DE MERA GARCÍA CONSUEGRA
Bárbara DÜHRKOP DÜHRKOP
Jean LAMBERT

Urszula GACEK (hors quota)
Genowefa GRABOWSKA (hors quota)

ASSISTANTS TO MEMBERS

Ouarda BENSOUAG (assistant to Patrick Gaubert)
Pauline CHAIGNE (assistant to Martine Roure)
Nadia EL BENNICH (assistant to Bill Newton Dunn)
Rachel SHEPPARD (assistant to Jean Lambert)

STAFF OF THE POLITICAL GROUPS

Joelle FISS (ALDE)
Annie LEMARCHAL (PES)
Christine SIDENIUS (Greens)
Michael SPEISER (EPP-ED)
Chiara TAMBURINI (GUE)

STAFF OF THE SECRETARIAT OF THE COMMITTEE ON CIVIL LIBERTIES, JUSTICE AND HOME AFFAIRS

Ana DUMITRACHE (Administrator)
Inke KALB (Administrator)

STAFF OF THE EP OFFICE IN WARSAW

Jacek SAFUTA (Head of Unit)

STAFF OF THE PRESS ROOM UNIT

Baptiste CHATAIN

INTERPRETERS

G. WOJCIK (FR)
P. PIGNOT (FR)
A. MANGELS (DE)
L. MAYER (DE)
A. GILLIES (EN)
K. SMART (EN)
D.NUNEZ GARZON (ES)
J. FERRER DEGLMANN (ES)
A. GRZADKOWSKI (PL)
M. ALBIN (PL)

For further information on the matters related to the visit to the centres for immigrants and asylum seekers, please contact

Ana DUMITRACHE
Administrator
European Parliament
Committee on Civil Liberties, Justice and Home Affairs
Tel: 0032 (0)2/28 41416
Fax: 00 32 (0)2/28 44941
E-mail ana.dumitrache@europarl.europa.eu

For further information on the matters related to the visit to Frontex, please contact

Inke KALB
Administrator
European Parliament
Committee on Civil Liberties, Justice and Home Affairs
Tel: 0032 (0)2/28 43090
Fax: 00 32 (0)2/28 44941
E-mail inke.kalb@europarl.europa.eu

ANNEX 2

ЕВРОПЕЙСКИ ПАРЛАМЕНТ PARLAMENTO EUROPEO EVROPSKÝ PARLAMENT EUROPA-PARLAMENTET
EUROPÄISCHES PARLAMENT EUROOPA PARLAMENT ΕΥΡΩΠΑΪΚΟ ΚΟΙΝΟΒΟΥΛΙΟ EUROPEAN PARLIAMENT
PARLEMENT EUROPÉEN PARLAIMINT NA hEORPA PARLAMENTO EUROPEO EIROPAS PARLAMENTS
EUROPOS PARLAMENTAS EURÓPAI PARLAMENT IL-PARLAMENT EWROPEW EUROPEES PARLEMENT
PARLAMENT EUROPEJSKI PARLAMENTO EUROPEU PARLAMENTUL EUROPEAN
EURÓPSKY PARLAMENT EVROPSKI PARLAMENT EUROOPAN PARLAMENTTI EUROPAPARLAMENTET

European Parliament
Committee on civil liberties, justice and home affairs
Delegation to Poland
1-3 April 2008

Draft programme
Version of 01.04.2008

Tuesday, 1st April 2008

09:55 – 11:55	flight to Warsaw (SN5155 BRU WAW I)
11:55 – 13:00	transfer by bus to the hotel (Le Royal Meridien Bristol Hotel[1]) and registration
13:00 – 13:15	transfer by bus to the EP Office Warsaw
13:00 – 15:00	**working lunch** with UNHCR, IOM, NGOs
15:00 – 15:15	transfer by bus to the Ministry of Interior and Administration [2]
15:15 – 16:30	**introductory meeting, aiming at presenting the main lines of the Polish asylum policy** Presentations from: • Mr Rafał Rogala, Head of the Office for Foreigners • Ms Monika Prus, Director of the Migration Policy Department in the Ministry of Interior and Administration • Mr Marek Szonert, Direcor of the Office for International Cooperation at the Office for Foreigners • representatives of the Border Guards (names to be confirmed)
16:30 – 17:30	travel by bus to the **Garded centre for aliens Lesznowola**[3]

[1] Krakowskie Przedmiescie 42/44, Warsaw 00-325, Poland , Phone: (48)(22) 551 1000
[2] Ministerstwo Spraw Wewnętrznych i Administracji, ul. Stefana Batorego 5, 02-591 Warszawa
[3] ul. Wojska Polskiego 143, 05-600 Grójec

	This centre was built in the 90's and is managed by the Police. In future, the centre will be managed by the Border Guards. A representative of the Office for Foreigners and the Ministry of Interior and Administration will accompany the EP delegation
17:30 – 19:15	visit of the centre, discussion with the authorities
19:15 - 20:15	travel back to Warsaw
20.30 - 22.00	for those interested: **informal dinner with the liaison officer to Frontex of the UNHCR**

Wednesday, 2nd April 2008

09:00 – 11:00	travel by bus (with police escort) to the **Guarded Centre for Foreigners in Biała Podlaska** *This centre is one of the four centers recently built in Poland; it is managed by the Border Guards. A representative of the Border Guards and the Ministry of Interior and Administration will accompany the EP delegation and will provide for an overall presentation of the Border Guards activity in this matter.*
11:00 – 14:00	visit of the centre, discussion with the authorities and the staff; meeting with directors and experts from the Border Guards HQs
14:00 – 15:30	lunch
15:30 – 17:30	return to Warsaw
17:30 – 18:30	**meeting with Mr. Piotr STACHAŃCZYK, Undersecretary of State in the Ministry of the Interior and Administration, in charge with migration and asylum issues**
18:45 – 20:00	dinner

Thursday, 3rd April 2008

09:00 – 12:00	visit of **Frontex** [1] • welcome and general presentation by the Executive Director • presentations by different Heads of Unit • questions and answers
12:00 – 12:15	transfer by bus to the EP Office
12:15 – 13:15	**press conference** at the EP Office
13:15 – 13:30	transfer by bus to **Frontex**
13:30 – 15:00	lunch hosted by **Frontex**
15:00 – 15:15	transfer by bus to the hotel

Free return (Proposal: 19.45 – 21.50 return to Brussels (SN5160 WAW I BRU)

[1] Frontex, Rondo ONZ 1, 00-124 Warsaw, Poland, tel. (48 22) 544 95 00, fax. (48 22) 544 95 01

ANNEX 3

List of organisations and NGOs present on 1st April 2008 at the meeting with the LIBE delegation

UNHCR Poland
IOM International Organization for Migration
Helsinki Foundation for Human Rights in Poland Program Pomocy Prawnej dla Uchodzcow i Migrantow Legal Assistance to Refugees and Migrants
Polish Humanitarian Organization
Caritas Poland
The Halina Niec Legal Aid Center
Stowarzyszenie Interwencji Prawnej (Association for Legal Intervention)
Legal Clinic at the Warsaw University
The Rule of Law Foundation
Center for Migration Research: CMR
The Warsaw School of Social Psychology (SWPS)
La Strada Poland
Amnesty International - the Polish section.